

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8467 — BNP Paribas/Commerz Finanz)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 189/14)

1. Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża BNP Paribas Personal Finance SA ("BNPP PF", Franzja), sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' BNP Paribas SA, takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Commerz Finanz GmbH kollha kemm hi ("CFG", il-Ġermanja), bħalissa taħt il-kontroll konġunt ta' BNP PF u Commerz Finanz ("Commerzbank", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CFG: bank tal-krediti tal-konsumatur, attwalment proprjetà konġunta ta' BNP PF u Commerzbank, attiv prinċipalment fil-qasam ta' self lil individwi fil-Ġermanja. Bħala parti mit-tranżazzjoni prevista, il-kumpanija se tinqasam bejn BNPP PF u Commerzbank permezz ta' diViżjoni f'żewġ unitajiet kummerċjali separati u indipendenti, jiġifieri n-negozju tal-“Punt tal-Bejgħ tal-Finanzi” u n-negozju tal-“Banking”. In-negozju tal-“Punt tal-Bejgħ tal-Finanzi” għandhom jibqa’ fidejn CFG (BNPP PF bħala l-azzjonist waħdieni) u se jinkludi l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mad-distribuzzjoni ta' prodotti CFG direttament lill-klijenti jew permezz ta' punt tal-bejgħ (offlajn u onlajn) ta' bejjiegħ bl-imnut;
- BNPP PF: kumpanija tas-servizzi finanzjarji kollha kemm hi proprjetà ta' BNP Paribas SA, attiva primarjament fil-qasam tal-krediti għall-konsumaturi. BNP Paribas SA hija grupp bankarju dinji attiv fin-negozji bankarji prinċipali kollha: servizzi bankarji għall-pubbliku, ġestjoni u servizzi tal-assi kif ukoll servizzi bankarji korporattivi u għall-investiment;

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattamento ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8467 — BNP Paribas/Commerz Finanz, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.